# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.11

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.11: Glorja lil Alla**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jisimgħu u jaraw it-talba tal-Glorja.
2. Jifhmu x'qed tgħid din it-talba.
3. Jismgħu l-istorja ta' kif ġiet din it-talba.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- L-istorja : L-istorja tar-Ragħajja

  (Il-Bibbja tat-tfal paġna 280)
- Vidjow: http://www.youtube.com/watch?v=TaeBx6bPlv4
- PowerPoint
- Karta ta' Taħriġ 4.6.

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tirrakkonta din l-istorja qasira.

*Paul huwa tifel fit-Tieni Sena. Kull nhar ta' Ħadd imur il-quddies mal-familja tiegħu. Waqt il-quddiesa huma jfaħħru lil Alla permezz ta' talb u innijiet differenti. L-innu favorit ta' Paul huwa l-Glorja, speċjalment meta jgħid:* ***Glorja l'Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.***

- Staqsi: Għaliex taħsbu li jħobb din it-talba Paul? (għax biha jfaħħar lil Alla).

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Staqsi lit-tfal f'liema episodju tfakkarhom it-talba tal-Glorja. Min kantaha u lil min? (L-anġli lir-ragħajja meta twieled Ġesù)
- Spjega li matul din il-parti tal-lezzjoni ser jisimgħu storja dwar meta l-anġlu deher lir-ragħajja biex jgħidilhom li kien twieled Ġesù.
- Wara uri l-vidjow qasir sabiex it-tfal jifhmu aħjar l-istorja li kienet għadha kemm ġiet irrakkontata minn: http://www.youtube.com/watch?v=TaeBx6bPlv4
- Staqsi lit-tfal liema innu kienu qed ikantaw l-anġli. (Il-Glorja)
- Aqra l-innu tal-Glorja mill-Powerpoint u wara ħeġġeġ lit-tfal biex jaqrawh miegħek.
- Spjega lit-tfal li l-innu jinqasam fi 3 partijiet għax l-ewwel parti qed infaħħru lil Alla, fit-tieni parti infaħħru lil Kristu u fit-tielet parti infaħħru lill-Ispirtu s-Santu.
- L-ewwel parti: ***Glorja l'Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.*** Spjega li dan huwa l-innu li daqqew l-anġli fil-Milied. Flimkien mal-anġli aħna ngħidu din it-talba kull nhar ta' Ħadd fil-quddiesa biex infaħħru lil Alla.

- It-Tieni parti: ***Infaħħruk, inberkuk, nadurawk, nagħtuk ġieh, inroddulek ħajr għall-glorja kbira tiegħek. Mulej Alla, Sultan tas-sema, Alla Missier li tista' kollox.*** Spjega li f'din il-parti qed infaħħru lil Alla l-Missier.
- It-Tielet parti: ***Mulej, Iben waħdieni, Ġesù Kristu, Mulej Alla, Ħaruf t'Alla, Bin il-Missier, int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ilqa' t-talb tagħna. Int li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier, ħenn għalina. Għaliex int waħdek Qaddis, int waħdek Mulej, int waħdek il-Għoli, Ġesù Kristu, mal-Ispirtu s-Santu, fil-Glorja tal-Missier Alla. Ammen.*** Spjega li f'din il-parti qed infaħħru lil Ġesù bħala l-uniku iben ta' Alla filwaqt li lejn l-aħħar infaħħru lit-Trinita' Qaddisa: Alla, Kristu u l-Ispirtu s-Santu.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.6 u huma jpinġu *stained glass* bil-kuluri ssuġġeriti.
- Spjega Attività 2 u bħala klassi imlew Attività 2
- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u uri bl-importanza tal-paċi.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-Glorja huwa innu ta' tifħir lil Alla.
2. Fl-innu tal-Glorja infaħħru lit-Trinità Qaddisa: Alla, Kristu u l-Ispirtu s-Santu.
3. Aħna ngħidu din it-talba speċjali kull nhar ta' Ħadd waqt il-quddiesa.

## Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)

1. It-tfal juru ħeġġa li jkantaw l-Innu tal-Glorja mill-qalb għax hija talba speċjali fejn ifaħħru lit-Trinità Qaddisa.
2. It-tfal juru li japprezzaw dak li Alla jipprovdilhom.

**Nitolbu**

Mulej,

nirringrazzjawk u nagħtuk glorja għall-affarijiet sbieħ li tagħtina, għall-ħajja u s-saħħa, għall-ħbieb u l-familja.



Grazzi Mulej